

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkeja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar kienu ntlaħqu
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1049/2001, flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li jitwettaq eżami ta' kull dokument individwali
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba ma kienx ġustifikat
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jirrispondi għall-argumenti kollha tar-rikorrent

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċċassar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal- Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 026, p. 1024).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Dahllof vs Il-Parlament

(Kawża T-643/15)

(2016/C 048/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Staffan Dahllof (Kastrup, id-Danimarka) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-riktorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8678 C tal-Parlament Ewropew, tal-15 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-riktorrent għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvajġġar, beneficij tal-għajxien, beneficij ġħall-infiq ġenerali u spejjeż tal-arrangġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;
- tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-riktorrent skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tiegħu, ir-riktorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 ⁽¹⁾, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 ⁽²⁾, peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkeja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar kienu ntlaħqu
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li jitwettaq eżami ta' kull dokument individwali
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parżjali għad-dokumenti mitluba ma kienx ġustifikat
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jirrispondi għall-argumenti kollha tar-rikorrent

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċċassar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal- Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 026, p. 102).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Reuter vs Il-Parlament

(Kawża T-644/15)

(2016/C 048/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Delphine Reuter (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-riktorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8627 C tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-riktorrenti għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvjaġġar, beneficiċċi tal-għajxien, beneficiċċi għall-infıq ġenerali u spejjeż tal-arranġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;
- tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-riktorrenti skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 ⁽¹⁾, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 ⁽²⁾, peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju